

STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 107/22

il-Lussemburgu, it-22 ta' Ġunju 2022

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-661/20 | Il-Kummissjoni vs Is-Slovakkja (Protezzjoni tas-serduq selvaġġ)

Protezzjoni tas-serduq selvaġġ (*Tetrao urogallus*) u taż-żoni Natura 2000 li fihom jinsab il-habitat ta' dan l-għasfur selvaġġ: il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata l-ksur tad-Direttivi "Habitats" u "Għasafar" mis-Slovakkja

Minbarra li ma ssuġġettax ċerti pjanijiet u proġetti b'effetti sinjifikattivi f'dawn iż-żoni għal evalwazzjoni xierqa, dan l-Istat Membru naqas milli jieħu l-miżuri neċessarji għall-konservazzjoni tal-habitats ta' din l-ispeċi.

Fl-2017, il-Kummissjoni rċeviet diversi lmenti li kienu jirreferu għall-isfruttament eċċessiv tal-foresti fit-tnax-il żona Natura 2000 indikati għall-konservazzjoni tas-serduq selvaġġ (*Tetrao urogallus*) fis-Slovakkja li affettwa l-istat ta' konservazzjoni ta' din l-ispeċi protetta.



Sussegwentement, il-Kummissjoni ressqet rikors quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja kontra s-Slovakkja minħabba l-ksur tad-Direttivi "Habitats" u "Għasafar" sa fejn jikkonċerna l-konservazzjoni taż-żoni Natura 2000 iċċitati iktar 'il fuq u l-habitats tas-serduq selvaġġ f'dawn iż-żoni.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva, qabel xejn, li l-programmi ta' manutenzjoni tal-foresti u l-emendi tagħhom, il-qtugħ b'urġenza kif ukoll il-miżuri intiżi li jipprevjenu t-theddid għall-foresti u jeliminaw il-konsegwenzi tal-ħsarat ikkawżati minn diżastri naturali, koperti mir-rikors tal-Kummissjoni bħala elementi li jikkostitwixxu ksur tad-Direttiva "Habitats", jikkostitwixxu pjanijiet jew proġetti li ma humiex marbuta direttament jew neċessarji għall-ġestjoni taż-żoni Natura 2000 ikkonċernati. Peress li dawn il-pjanijiet jew dawn il-proġetti jistgħu jaffettwaw dawn iż-żoni b'mod sinjifikattiv, **huma għandhom**, skont din id-direttiva, **ikunu suġġetti għal evalwazzjoni xierqa tal-effetti tagħhom fuq dawn iż-żoni**.

Issa, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata li **l-programmi ta' manutenzjoni tal-foresti ma kinux suġġetti** sa mill-1 ta' Jannar 2015 **għal evalwazzjoni xierqa** tal-effetti tagħhom. Bl-istess mod, is-Slovakkja **eżentat** b'mod ġenerali **l-qtugħ b'urġenza minn tali evalwazzjoni**. Barra minn hekk, **il-miżuri intiżi li jipprevjenu t-theddid għall-foresti u sabiex jeliminaw il-konsegwenzi tal-ħsarat ikkawżati mill-aġenti ta' ħsara lanqas ma kienu suġġetti** għal sistema ta' protezzjoni li tippermetti li tiġi żgurata **evalwazzjoni xierqa** tal-effetti tagħhom.

Sussegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja tqis li s-Slovakkja naqset milli tadotta l-miżuri ta' protezzjoni xierqa sabiex jiġu evitati li l-attivitajiet ta' ġestjoni tal-foresti, bħall-**qtugħ intensiv ta' injam fuq żoni kbar u l-użi ta' pestiċidi għall-ġlieda kontra l-insetti subkortikali** fiż-żoni Natura 2000 ikkonċernati, **ma jipproduċux deterjorament tal-habitats tas-serduq selvaġġ u disturbi b'effetti sinjifikattivi f'dawn iż-żoni**.

Fl-aħħar nett, il-Qorti tal-Ġustizzja tirrileva li, billi ma ħaditx **il-miżuri ta' konservazzjoni speċjali applikabbli għall-habitats tas-serduq selvaġġ** fil-parti l-kbira taż-żoni Natura 2000 indikati għall-konservazzjoni tiegħu, is-Slovakkja **kisret ukoll id-Direttiva "Għasafar"**.

F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Qorti tal-Ġustizzja **tilqa' r-rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu**, ippreżentat mill-Kummissjoni, **kollu kemm hu**.

NOTA: Il-Kummissjoni jew Stat Membru jista' jippreżenta rikors għal nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, dirett kontra Stat Membru ieħor li naqas milli jwettaq l-obbligi tiegħu taħt id-dritt tal-Unjoni. Jekk il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonstata nuqqas ta' twettiq ta' obbligu, l-Istat Membru kkonċernat għandu jikkonforma mas-sentenza fl-iqsar żmien possibbli. Meta l-Kummissjoni tqis li l-Istat Membru ma kkonformax mas-sentenza, hija tista' tippreżenta rikors ġdid fejn titlob sanzjonijiet pekunjarji. Madankollu, fil-każ li ma jiġux ikkomunikati l-miżuri ta' traspożizzjoni ta' direttiva lill-Kummissjoni, fuq proposta ta' din tal-aħħar, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' timponi sanzjonijiet sa mill-ewwel sentenza.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" 📶 (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

